

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13211/22

FIN 1034
INST 352
PE-L 34

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13059/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2022 fit-Taqsima III – Kummissjoni – tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi trasferit ammont ta' EUR 395 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 04 01 (*Riżerva ta' solidarjetà u għajjnuna ta' emerġenza*) għall-Artikolu 14 03 01 (*Għajjnuna umanitarja*), kif jinsab fid-dokument 13059/22.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan tat-trasferiment huwa li jappoġġa:

- l-intervent tal-kriżi globali tal-ikel (EUR 210 miljun);
- popolazzjonijiet vulnerabbli fl-Ukrajna u fil-Moldova bħala riżultat tal-kriżi tal-Ukrajna (EUR 175 miljun);
- l-aktar persuni vulnerabbli fil-Pakistan, inkluż ir-refuġjati, fiż-żoni milquta mill-għargħar (EUR 10 miljun).

Minħabba ċ-ċirkostanzi urġenti, il-perjodu applikabbli għall-approvazzjoni huwa ta' tliet ġimgħat, f'konformità mal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħat tiegħu tal-5 u l-11 ta' Ottubru 2022.

4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 13059/22; u
- l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) u (6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, b'dan ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola tal-għeluq)

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).